MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 172/2009

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fir-Registru Pubbliku ta’ Malta nhar it-12 ta’ Ottubru 2001 u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

Illi l-partijiet sseparaw minn xulxin legalment fit-30 ta’ Dicembru 2008 u dan wara li kienu isseparati de facto minn xulxin ghal diversi snin;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet huwa null bejn il-partijiet billi l-kunsens kien ivvizjat b'difett ta' deskrizzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u / jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha b'simulazzjoni u anke minhabba biza reverenzjali kif ukoll il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet kien inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament l-hajja mizzewga u jew jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma kundizzjoni li tirriferi ghall-futur;

Ghaldaqstant qed titlob li din il-Qorti :

(1) Tiddikjara illi iz-zwieg celebrat fit-12 ta' Ottubru 2001 bejn il-partijiet huwa null u bla effett skond il-Ligi u dan skond wiehed u s-sub artikli indikati tal-Artiklu 19 (1) (a) (c) (d) (f) u (g) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255) tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimata;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet:

1. Illi hija taqbel li z-zwieg indikat fir-rikors mahluf promotorju ghandu jigi iddikjarat null u bla effett skond il-ligi, izda certament mhux ghar-ragunijiet imputabbli lilha;
2. Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-attur xehed illi izzewweg lill-konvenuta wara li kien ilu johrog maghha hames snin. Meta iltaqa maghha kellu sittax (16) il-sena u hi kellha sittax (16) il-sena. L-attur xehed illi bhala residenza kienu marru joqghodu faccata ta' ommu. Meta iltaqa mal-konvenuta din kienet possessiva ferm u ma kienitx thallih johrog mal-hbieb tieghu. Lanqas ma kienet thallih imur jilghab l-football u kien qieghed ihossu qieghed f'habs. Minhabba li kienet possessiva waslet ukoll biex gelditu mal-familjari tieghu. L-attur xehed illi l-konvenuta ma rieditx tfal. Ghall-ewwel kienet tghidlu li dan kien ghar-ragunijiet finanzjarji, izda wara li ghaddew sentejn u baqghet ma rieditx tfal induna illi l-intenzjoni taghha minn dejjem kienet hekk. L-attur xehed illi l-konvenuta kien dejjem mohhha biex tmur ix-xoghol, kienet tahdem f'lukanda, tirritorna d-dar ghajjiena u hafna drabi kien ikollu isajjar hu.

Illi xehdet oht l-attur E F illi ikkonfermat ix-xhieda ta' l-attur u ikkolloboratha.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur xehed viva voce u qal illi miz-zwieg tieghu mal-konvenuta ma twieldux tfal. Huwa qal ukoll ir-relazzjoni intima bejnu u il-konvenuta dejjem bdiet tonqos. Fil-weekends il-konvenuta ukoll kienet tmur ix-xoghol.

Illi l-konvenuta ukoll xehdet viva voce. Hija qalet illi meta izzewget kellha wiehed u ghoxrin (21) sena. Wara iz-zwieg marru jghixu faccata tal-genituri tal-attur. Sena qabel it-tieg taghha mal-attur il-genituri tal-attur kienu iggieldu ma hu l-attur u il-mara tieghu u hu l-attur u il-mara marru jghixu f'dar ohra minhabba dan l-argument. Wasal it-tieg u l-attur qalilha li jekk tistieden lil huh u lil mara tieghu il-genituri tieghu ma kienux ser jigu it-tieg. Hija xorta wahda baghtitilhom l-invit, izda hu l-attur u il-mara ma gewx ghat-tieg u ma tawhomx rigal. Omm u missier l-attur gew it-tieg u kollox kien normali. Kollox baqa sejjer tajjeb sal-ewwel sentejn taz-zwieg, izda darba minnhom

hu l-attur bil-familja u bil-mara marru jghixu ghand il-genituri tal-attur. L-attur darba minnhom gie lura mix-xoghol u lilha qalilha li ma kienx bi hsiebu imur aktar ghand il-genituri tieghu peress illi issa kienu qeghdin ikellmu lil huh, il-mara ta' huh u lill-familjari ta' huh u l-attur kien irrabbjat peress li huh ma kienx gie it-tieg taghhom u kien ghalhekk illi l-attur ma marx aktar ghand il-genituri tieghu. Il-konvenuta kompliet tixhed li darba minnhom kienet sejra ghax-xoghol u omm u missier l-attur hargu ghaliha u iggieldu maghha ghaliex skond huma hi ma kienitx qeghda thalli lill-attur imur u jarahom id-dar taghhom. Fuq hekk hi kienet spiccat il-Qorti mal-genituri tal-attur u l-attur kien ukoll parti f'din il-kawza fuq in-naha tal-konvenuta. Il-konvenuta kompliet tixhed illi wara dan l-incident l-attur ma kienx ihalliha aktar tmur ghand il-genituri taghha. Kien ghajjur u possessiv u lanqas biss riedha tahdem, jew issuq il-karozza. Effettivament gabet il-licenzja tas-sewqan biss wara li hadet is-separazzjoni. Il-konvenuta xehdet illi l-attur kien mohhu biss fil-football il-gimgha kollha u gieli anke hareg wahdu ma shabu.

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel l-attur qieghed jissottometti illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizjat b'difett ta' deskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u / jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha, l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti jirrizulta difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) kemm-il darba jirrizulta li fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita affettiva li hija presupposta ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Ottubru 2000 fil-kawza fl-ismijiet Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo.

Illi minkejja il-fatt illi il-Kap. 255 ma jghidx x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg il-Qorti tifhem illi dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk illi fis-socjeta' Maltija dejjem gew ritenuti bhala li huma s-segwenti u cioe :

*1)* L-obbligazzjoni li tirrigwarda l-att taz-zwieg bhala ghaqda bejn il-koppja u bazi ta' prokreazzjoni. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u l-attur irnexxielu jipprova illi l-konvenuta effettivament ma rieditx illi jkollha tfal minn dan iz-zwieg.
*2)* L-obbligazzjoni tal-kommunita tal-hajja u imhabba bhala espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel. Illi l-Qorti rat illi dan l-element kien ghal kollox nieqes minn dan iz-zwieg u dan peress illi irrizulta illi il-partijiet baqghu jghixu hajja ta' guvni u tfajla mhux mizzewga, l-attur kien mohhu fil-football u aktar kien mohhu fil-familjari tieghu milli fil-konvenuta u il-konvenuta da parti taghha tefghet l-attenzjoni taghha kollha fuq ix-xoghol.
*3)* Il-'mutual well-being' li hija inseparabbli mill-ambjent konducenti ghat-trobbija u l-edukazzjoni tal-ulied. Illi dan l-element ukoll ma giex sodisfatt peress li l-partijiet ma kellhomx tfal.
*4)* L-obbligazzjoni li jircievu u irabbu l-ulied fil-kuntest tal-kommunita ta' hajja mizzewga. Illi minghajr dubbju, peress illi irrizulta illi l-partijiet ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg u irrizulta wkoll illi l-konvenuta ma rieditx tfal il-Qorti tara illi dan l-element huwa wkoll nieqes.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qrati taghna dejjem irritenew illi sabiex ikun hemm nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun hemm inkapacita psikika, izda mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku.

Illi apparti il-fatt illi tfal ma twieldux minn dan iz-zwieg u irrizulta illi l-konvenuta ma rieditx tfal u l-attur lanqas biss insista hafna sabiex ikollhom tfal irrizulta wkoll illi l-partijiet bdew inaqqsu mill-att konjugali u irrizulta illi l-attur ma riedx jibqa jghix mal-konvenuta minhabba il-problema illi kienet inqalghet mal-genituri tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi minn ezami tal-provi prodotti il-Qorti rat illi ma giex ippruvat illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'simulazzjoni, jew inkella minhabba biza referenzjali u lanqas ma gie ippruvat illi l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet inkiseb b'qerq dwar il-kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, u / jew jekk xi wahda mill-partijiet rabtet il-kunsens taghha ma kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Illi l-Qorti rat illi l-ebda wahda minn dawn il-kawzali ma giet ippruvata.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talba attrici, izda limitatament fir-rigward tas-subartikolu 1 (d) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qeghda tiddikjara illi z-zwieg celebrat fit-12 ta' Ottubru 2001 bejn il-partijiet huwa null u bla effett skond il-Ligi u dana peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat ai termini tas-subartikolu 1 (d) tal-Artikolu 19 tal-Att Dwar iz-Zwieg Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tordna illi kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------